

# It-Torri ta' Garżes

**mimm Maria Grima**
*Studenta Universitarja*
*Bandista Flute*

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja ta' Malta ninnutaw li l-gżejjer Maltin minn dejjem kienu maħkuma minn popli diversi; ħakkiema li tawna kultura, drawwiet u ilsien differenti minn tagħna. Dan forsi minħabba l-fatt li jinstabu f'nofs il-baħar Mediterran. Għalhekk, minn dejjem inħasset il-ħtieġa ta' protezzjoni fi xtut Maltin, speċjalment fil-gżira Għawdxija.

Ta' min jgħid li l-uniku xogħol fortifikat li kien jeżisti f'Għawdex sas-seklu sbatax, kien it-Torri ta' Garżes. B'hekk il-biża', l-inkurżjoni u s-serq tal-Għawdxin naqas xi ftit. Kien il-Granmastru Martino Garżes (1595 - 1601) li ta' sehem kbir fis-sitawazzjoni miżera tal-gżira Għawdxija. Hu talab lir-Re ta' Spanja biex isseħħ il-ħolma ta' inġinier militari Spanjol permezz ta' messaġġier - il-fortifikazzjoni tat-tieni l-ikbar gżira fl-Arcipelagu Malti; ħolma li kienet tberren ukoll f'moħħ il-Granmastru Garżes. Pero' x-xewqa ta' dawn ma gietx milqugħa qabel Marzu 1599, meta Giovanni Rinaldini, inġinier militari minn Ancona, fl-Italja, wasal fi gżiritna biex jeżamina u jirrikkmanda is-sitwazzjoni kritika finanzjarja.

Rinaldini kiteb żewġ rapporti fejn fl-ewwel wieħed issuġġerixxa li x-Xatt ta' l-Imġarr kellu jiġi mħares b'torri b'diversi kanuni. Rinaldini jistqarr ukoll li dan it-torri kellu jkollu Bumbardier u ħames suldati matul ix-xhur tas-Sajf; jiġifieri Mejju 1 - Ottubru 31. Mill-banda l-oħra, matul ix-xhur tax-Xitwa (Novembru 1 - April 30), kellhom jonqsu għal Bumbardier u żewġ suldati biss. Dan minħabba l-fatt li l-kefrija tal-baħar f'dawn iż-żminijiet tkeċċi l-għedewwa 'l barra minn xtutna. Fit-tieni rapport tiegħu, Rinaldini għamel id-disinji oriġinali tiegħu ta' dan it-torri li jinsab eżattament fuq ir-riħ ta' l-Imġarr.

Ma nafux eżatt jekk id-disinji u r-rakkomandazzjonijiet ta' Rinaldini għoġbux lill-Granmastru u lill-Kunsill. Probabli li kollha qablu fuq dan il-proġett. Dan forsi minħabba n-nuqqas ta' fondi. Il-folja inqalbet meta l-Granmastru Garżes miet fi Frar 7, 1601, u jħalli s-somma ta' 12,000 skudi f'deheb. Din intużat għal kostruzzjoni u manteniment ta' dan l-istess torri.

Il-Granmastru l-ġdid Alof de Wignacourt (1601 - 1622) ma tilifx ħin u għalhekk qabbad lil Vittorio Cassar, l-inġinier residenti f'Għawdex, jagħmel id-disinji tat-torri. Fil-fatt f'Mejju 12, 1601, Cassar kiteb lura u wera s-sodisfazzjon tiegħu flimkien mad-disinji tiegħu għat-torri. Hi ħasra li ma sibniex dettalji dwar il-progress tat-torri ta' Garżes. Pero' sibna żewġ ittri mibgħuta mill-Granmastru Wignacourt lill-Gvernatur ta' Għawdex li jmorru lura lejn Jannar 27 u Frar 13, 1607. Hu ċar li dan l-istess torri kien għadu qed jinbena.



Nistgħu nassumu li t-Torri ta' Garżes tlesta, u nissogra ngħid li kien ddomina x-xena indimentikabli tax-Xatt ta' l-Imġarr. Dan it-Torri kbir, kwadru u massiv seraq il-qlub ta' ħafna. Pero' t-Torri ta' Garżes sparixxa għal dejjem! Fortunatament mhux għal kollox għax fadlilna xi fdalijiet żgħar minn tiegħu. Jingħad li għad fadal xi fdaliijet fuq l-għolja u ġol-baħar qarib. Sfortunatament il-pedament ta' dan it-torri, li kien ilu 250 sena wieqaf, ġie mneħħi minn xi nies u floku kibru pjanti u ħaxix ħażin. Meta fl-1848 it-Torri ta' Garżes ġie mwaqqa', ma sparrixxietx biss fortifikazzjoni imma t-tmiem ta' monument nazzjonali kbir!